# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Seduta tal-15 t'April 2019**

**Kumpilazzjoni numru 562/2014**

**Il-Pulizija**
**(Hubert Cini)**

**vs.**

**Roderick Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Roderick Farrugia ta' tlieta u tletin sena (33), bin Anthony u Mary xebba Cilia, imwieled tal-Pieta', nhar is-6 ta' Frar, 1982, u joqgħod nru. 5, Triq il-Gardenja, Santa Lucia, Malta, detentur tal-karta tal-identita' nru. 145182M:

Akkużat talli bejn 23:00hrs tal-4 ta' Ġunju 2014 u 00:43 tal-5 ta' Ġunju 2014, ġewwa Paola (Raħal l-Ġdid), Malta,

(1) ta fastidju lil Alexandra Chetcuti u dan bi ksur tal-artiklu 251A tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9);

(2) Talli bejn 23L00hrs tal-4 ta' Ġunju 2014 u 00:30hrs tal-5 ta' Ġunju 2014, ġewwa Paola (Raħal l-Ġdid), Malta, kkaġuna lil Alexandra Chetcuti biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti u dan bi skur tal-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9);

(3) Talli bejn 00:00hrs u 00:30hrs tal-5 ta' Ġunju 2014, ġewwa Paola (Raħal l-Ġdid), Malta, inġurja, hedded, għamel offiża fuq il-persuni ta' PC1059, PC259, PC575, PC285 u WPC138. Persuni inkrigati skond il-liġi minn servizz pubbliku jew minħabba li għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħu jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artiklu 95 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9);

(4) Talli bejn 00:00hrs u 00:30hrs tal-5 ta' Ġunju 2014, ġewwa Paola (Raħal l-Ġdid), Malta, attakka jew agħamel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC1059, PC259, PC575, PS285 u WPC138, persuni nkarigati skond il-liġi

minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-Artiklu 96 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9);

(5) Talli bjn 00:00hrs u 00:30hrs tal-5 ta' Ġunju 2014, ġewwa Paola (Raħal l-Ġdid), Malta, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' PC575 Mark Tonna, ta' natura ħafifa jew iġibilha disordni f'moħħa u dan bi ksur tal-artikli 214, 215 u 221 tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9.

(6) Talli bejn 23;00hrs tal-4 ta' Ġunju 2014 u 00:30hrs tal-5 ta' Ġunju 2014, ġewwa Paola (Raħal l-Ġdid), Malta, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band oħra f'dan il-kodiċi, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9);

(7) Talli bejn 23:00hrs tal-4 ta' Ġunju 2014 u 00:30hrs tal-5 ta' Ġunju 2014, ġewwa Paola (Raħal l-Ġdid), Malta, bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies b'għajjat, jew b'mod ieħor u dan bi ksur tal-Artiklu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9)

(8) Talli bejn 00:00hrs tal-5 ta' Ġunju 2014, ġewwa Paola (Raħal Ġdid), Malta, ma obdiex ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħalliex jew fixkel waqt li jkun qed jagħmel dmirjiet tiegħu jew b'xi mod ieħor bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li

b'liġi jkun ordnat jew seta jagħmel jew billi ġab fi xejn, jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew indħil ma jkunux jaqgħu taħt id-disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' Liġi oħra u dan bi ksur tal-Artiklu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9);

(9) Talli bejn 23:00hrs tal-4 ta' Ġunju 2014 u 00:30hrs tal-5 ta' Ġunju 2014, ġewwa Paola (Raħal l-Ġdid), Malta, ħebb kontra Alexandra Chetcuti, PC1059, PC259, PC575, PS285 u WPC138, sabiex jinġurja, ddejjaq jew jagħmel ħsara lil dawn il-persuni jew lil ħaddieħor, kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9);

(10) Talli bejn 23:00hrs tal-4 ta' Ġunju 2014 u 00:30hrs tal-5 ta' Ġunju 2014, ġewwa Paola (Raħal l-Ġdid), Malta, bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamel bi vjolazzjoni oħra kontra l-propjeta' ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel dan l-artikolu u l-anqas band'oħra f'dan il-kodiċi u dan bi ksur tal-artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9);

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li fil-każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala reċidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li tinfliġġi l-piena stabbilita' skond il-liġi.

Rat illi matul is-seduta tad-19 ta' Jannar 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;[1]

Rat li matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat ukoll li matul is-seduta tal-ħdax ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbatax il-Prosekutur eżebixxa l-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-proċedura f'dan il-każ tipprosegwi sommarjament;[2]

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

---

[1] Folio 25 tal-atti proċesswali.
[2] Folio 6 tal-atti proċesswali.

Rat li matul is-seduta tat-23 ta' Jannar 2017 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li fir-rigward tal-kawża kontra l-imputat huwa ma kellux aktar provi x'jipproduċi;[3]
Matul is-seduta datata d-19 ta' Jannar 2015[4] semgħet lil-Parte Civile tiddikjara illi xtaqet tirrinunzja għal kull ma kien rinunzjabbli u xtaqet tirtira l-kwerela magħmula minnha;

Rat ukoll li matul is-seduta datata t-18 ta' Settembru 2018[5] id-Difiża ddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi u li l-imputat ma kienx ser jagħti x-xhieda tiegħu;

Rat id-dokumenti kollha preżentati, ħadet konjizzjoni tax-xiehda tax-xhieda prodotti u wara li fliet l-atti kollha tal-kawża:

***Ikkunsidrat :-***

Illi nhar l-4 ta' Ġunju 2014, għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' bil-lejl, il-Parte Civile Alexandra Chetcuti rrapurtat telefonikament lill-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid illi kien hemm l-imputat qiegħed wara l-bieb tad-dar tagħha sitwat fi Triq Ninu Cremona, Paola, fejn kien qed jgħidilha li ried jidħol id-dar tagħha, iżda hi f'dak il-punt ma riditux. Meta l-Pulizija marru fuq il-post huma sabu lill-imputat kif kienet indikatilhom il-Parte

[3] Folio 109 tal-atti proċesswali.
[4] Folio 25 tal-atti proċesswali.
[5] Folio 116 tal-atti proċesswali.

Civile. Wara li kkonvinċewħ biex jakkumpanjhom l-Għassa, huma kelmuħ bil-kalma.

Minn dan il-kollokwiju rriżulta li l-imputat xtaq ikollu relazzjoni intima mal-Parte Civile li kienet omm ħabib tiegħu. Iżda hi ma riedetx. Il-Pulizija qalulu biex jiddeżisti mill-komportament tiegħu fejn ġie mwissi wkoll li jekk jerġa javviċina lil Parte Civile jew ir-residenza tagħha kien ser jiġi arrestat. Hu telaq mill-Għassa bl-intiża li jirritorna d-dar tiegħu iżda madwar nofs siegħa wara li telaq mill-Għassa, għall-ħabta tas-siegħa nieqes kwart ta' filgħodu (00:43am) sbieħ l-għada l-5 ta' Ġunju 2014, il-Parte Civile reġgħet ikkomunikat mal-Pulizija fejn qaltilhom li l-imputat kien reġa' tfaċċa wara l-bieb tagħha u kien qed iħabbtilha l-bieb sabiex tiftaħlu.

Konsegwentement il-Pulizija tad-Distrett reġgħu marru fuq il-post fejn reġgħu sabu lill-imputat kif kien ġie rappurtat lilhom. F'dak l-istadju talbu l-assistenza tal-membri tal-RIU, senjatament PC575 Mark Tonna u PC1079 Joe Abdilla fl-eventwalita' li tkun meħtieġa l-assistenza tagħhom matul l-arrest tal-imputat. Infatti kif l-imputat innotta li kien ser jiġi arrestat u mmanetjat hu sar aggressiv mal-Pulizija u rreżista bis-saħħa li jiġi mmanetjat u arrestat. Fil-kors ta' din it-taqbida li fiha kienu intervejnew tal-RIU sabiex jassistu lil tad-Distrett, PC575 Mark Tonna laqqat daqqa ta' ponn mill-imputat f'wiċċu. Wara li dan ġie nvistat medikament, ġie ċċertifikat li qed isoffri minn ġrieħi ħfief.

Il-livell t'aggressivita tal-imputat lejn il-Pulizija li kienu qegħdin jippruvaw jarrestaw lill-imputat kienet tant kbir li l-Pulizija kellhom jużaw it-*taser gun* fuq l-imputat biex ma jibqax jirreżistihom. Filfatt kien f'dak il-mument biss li huma rnexxielhom jimmanetjawħ u jieħduħ l-Għassa għal aktar stħarriġ.

***Kusiderazzjonijiet dwar punti legali***

Illi apparti l-addebitu tar-reċidiva, l-imputat jinstab akkużat bir-reati taħt l-Artikoli 251A u 251B tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tal-Parte Civle jew membri tal-familja tagħha.

L-Artikolu 251A li jirrigwarda l-fastidju jaqra hekk:

(1) Persuna li ġġib ruħha:

(a) B'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra, u
(b) B'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.

(2) Għal fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qedgħa ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qjies ta' persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:
(a) L-imġieba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi dellitt; jew

(b) L-imġieba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonferma ruħha ma xi kundizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew
(c) Fiċ-ċirkostanzi partikolari l-imġieba kienet waħda raġonevoli;

L-awtur ta' dan ir-reat irid ikollu l-intenzjoni illi joħloq fastidju lil vittma tiegħu bl-imgieba tiegħu. Din l-intenzjoni trid tissarraf f'imġieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq lil dak li jkun u għaldaqstant għandu jkun hemm distinzjoni netta bejn dik l-imġieba li qed toħloq fastidju u dik li toħloq semplicement inkonvenjent. Tant hu hekk illi:

> L-artikolu 251A joħloq ir-reat ta' persuna li ġġib ruħa b' mod li tagħti fastidju lil persuna oħra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. .... Il-liġi fis-sub-inċiz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iġġib ruħa b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra. Fis-subinċiz (3)(c) il-liġi tkompli tgħid li persuna akkuzata b' reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wieħed jagħti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.[6]

Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn:

> '...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-

[6] **Il-Pulizija vs Massimo Tivisini** – Qorti tal-Appell Kriminali deċiża nhar is-27 ta' Frar 2009 mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",

...dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss għall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-

"…. f' każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' żmien."

Illi t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.

Illi għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali li bih jinstab ukoll akkużat l-imputat, dan jinqara kif ġej:

(1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet, u tista teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin Euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4658.75) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin Euro u tmenin ċenteżmu (11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Għal fini ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġieba tagħha tkun waħda dubjuża jmissha tkun taf li tkun ser tikkaġuna biża f'ħaddieħor li ser tintuża vjolenza kontriħ f'xi okkazjoni jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni.

(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista ġġib prova

(a) L-imġieba tagħha kienet adottata fiċ-ċirkostanzi msemmia fl-artikolu 251A(3)(a) jew (b); jew
(b) L-imġieba adottata kienet waħda raġonevoli għall-ħarsien tagħha nifisha jew ta' ħaddieħor jew għall-ħarsien tal-propjeta' tagħha jew ta' ħaddieħor.

Illi għal dak li jirrigwarda din id-disposizzjoni il-Qorti tagħmel riferenza għal dak mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Raymond Parnis*** fejn ġie mistqarr is-segwenti:

Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:

*'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'*

In oltre dejjem skond *Blackstone,*

> D's conduct must cause the complainant to fear that violence will be used against him; it is not sufficient for it to frighten the complainant as to what might happen (Henley (2000) Crim LR 582; Caurti v DPP (2002) Crim LR 131). It is always a question of act (Caurti and R (Simon Howard) v DPP (2001) EWHC Admin 17) and, whilst it can sometimes be inferred from the evidence, there should, if possible, be direct evidence from the complainant (R vs DPP (2001) Crim LR 396; Cuarti)....the prosecution must prove that the conduct in quesiton was targeted at an individual, that it was calculated to produce the conseqences described in s 7 of the Act (alarming the person or cuasing the person distress) and that it was both oppressive and unreasonable (see Haque at (70)-(73))'.[7]

Illi biex tkun tista' tinstab reita taħt dan l-Artikolu, il-Qorti trid tqis il-mod kif l-allegata vittma tkun tħossha minħabba l-komportament ta' min ikun qed jikkometti r-reat fil-konfront tagħha jew tal-familjari jew tal-propjeta' tagħha.

Illi l-imputat jistab mixli wkoll bil-ksur tal-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqraw kif ġej:

[7] Blackstone Criminal Practice, 2015, Oxford, Section B2.186, pg. 297.

95. Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan[8], jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi min servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt eruo (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5000).

96. Kull min jattakka jew jagħmel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati –

Jekk l-attakk jew ir-resistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa sentejn u għal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (4000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (10,000);

L-imputat huwa mixli wkoll bl-offiża ħafifa taħt l-Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kodiċi Kriminali liema reat huwa aggravat skond dak dispost fl-artikolu 222(1)(c) minħabba l-fatt li l-vittma f'dan il-każ huwa membru tal-Korp tal-Pulizija u kwindi huwa meqjus bħala Uffiċjal Pubbliku filwaqt li kien fil-qadi ta' dmirijietu.

L-imputat huwa mixli wkoll b'diversi reati kontravenzjonali taħt l-Artikoli 338(m), 338(dd), 388(ee), 339(d) u 340(d) tal-Kodiċi Kriminali, ossija fil-ksur tal-mistrieħ tan-nies bl-għajjat bil-lejl, il-ksur tal-paċi u bon ordni fil-pubbliku, li m'obdiex l-ordnijiet tal-pulizija jew li fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, li nġurja jew dejjaq

[8] Inġurji, theddid u offiżi kontra l-Avukat Ġenerali, membri tal-ġudikatura jew ġurati.

diversi persuni inkluz l-parte ċivile u membri tal-korp li marru jassitu l-Parte Civile jew sabiex jarrestaw lill-imputat u finalment il-vjolazzjoni tal-propjeta' ta ħaddieħor.

Fir-rigward tar-reat previst fl-Artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali il-ġurisprudenza Maltija tgħallem li :

> Il-kotravvenzjonijiet kontemplata fl-art. 354(d)[9] tal-Kodici Kriminali, li jirrendi hati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjeta' lil min "bi hsara tas-sid jew tad-detentur, jaghmel vjolazzjoni kontra l-proprjeta' ta' hadd iehor li mhix imsemmija fil-paragrafi ta' qabel", ma tezisitix jekk l-hsara msemmija f'dik id-dispozizzjoni ma tkunx materjali. Biex ikun hemm dik il-kontravvenzjoni hija essenzjali l-hsara materjali effettiva lill-proprjeta' li tigi vjolata'.[10]

***Ikkunsidrat :-***

Illi kwantu għal dak verbalizzat mill-Parte Civile li riedet tirtira l-ilment tagħha u tirrinunzja għall-imputazzjonijiet li kienu rinunzjabbli, f'dal-każ m'hemm l-ebda imputazzjoni li jistgħu jiġu rtirati jew estinti permezz ta' din id-dikjarazzjoni u dan peress li l-azzjoni li ttieħdet f'dan il-każ kienet inizjata *ex officio* u li ma kinitx tirrekjedi l-kwerela tal-parti sabiex tinbeda l-azzjoni penali.

***Ikkunsidrat :-***

[9] Illum l-Artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali.

[10] **Il-Pulizija vs Grazio Mifsud**, deċiża mill-Qorti Kriminali (Sede appelli inferjuri), ippreseduta mill-Imħallef Tancred Gouder, u datata t-8 ta' Lulju 1949.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel imputazzjoni sal-grad rikjest mill-liġi. F'dan il-każ ġie pruvat li kien hemm żvilupp ta' *course of conduct* illi kien permezz tiegħu l-imputat kien beda jdejjaq lill-Parte Civile bl-avvanzi tiegħu. Dan ikkulmina fiż-żewġt episodji li ġew imputati f'dan il-każ. Għalkemm l-imputazzjonijiet jiffukaw fuq żewġ istanzi li seħħew ftit il-ħin il-bogħod minn xulxin, irriżulta f'dan il-każ li dawn jistgħu jitqiesu li jikkostitwixxu iktar minn okkazzjoni waħda peress li kien hemm intervall ċar bejn l-ewwel inċident u t-tieni. Apparti minn hekk din il-Qorti, qieset ix-xiehda tal-Parte Civile fil-kumpless tagħha skont dawk il-prinċipji misjuba fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Alan Caruana Carabez*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Ġunju 2007 fejn l-Imħallef Joseph Galea Debono kien tenna s-segwenti : -

> Ghalkemm ovvjament f'din il-kawza mhux kompitu ta' din il-Qorti li tesprimi gudizzju fuq dak li gara f'okkazzjonijiet precedenti jew sussegwenti ghad-19 ta' Marzu, 2006, ghaliex l-appellant mhux akkuzat bihom, f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien. Kien biss ghalhekk li ppermettiet lil Decesare li tixhed fuq dak li gara qabel u anki dak li seta' gara wara u anki fil-mori ta' dan l-appell.

F'kull wieħed minn dawk l-inċidenti l-iskop tal-fastidju kien identiku. Mix-xiehda tal-Parte Civile jirriżulta li l-komportament tal-imputat lejha ma kienx sempliċiment ta' inkonvenjent iżda kien qed jiffastidjha. Dan jirriżulta kemm minħabba l-fissassjoni tiegħu fuqha - li hi f'ebda mod ma

rrikambjat - kif ukoll minħabba l-persistenza tal-imputat u l-manjiera ta' kif hu wera dan l-interess b'insistenza irraġonevoli.

Il-fastidju rekat filfatt wassal sabiex il-Parte Civile ma ddaħħlux iktar id-dar allavolja kienet hi stess li oriġinarjament kienet aċċettat li tgħinu minħabba s-sitwazzjoni diffiċli tiegħu. Anzi, saħansitra kienet tħasritu u aċċettat li ddaħlu lura f'darha biex tgħinu – iżda mhux biex ikollha relazzjoni sesswali miegħu.

Di piu' m'hemm l-ebda dubju lanqas li l-imputat kien ben konxju tal-fatt li hu kien qed jiffastidja lil Parte Civile. Dan peress li wara l-ewwel episodju, huwa kien ġie mwissi bil-kelma t-tajba mill-Pulizija dwar l-aġir fastidjanti tiegħu u ġie ordnat jiddezisti minn dan l-aġir. Biss jirriżulta ċar li din it-twissija ġiet injorata minnu kompletament tant li reġa mar quddiem ir-residenza tal-Parte Civile nofs siegħa wara minn meta telaq mill-Għassa tal-Pulizija. U l-egħmil tiegħu kien wieħed ta' kontinwazzjoni tal-azzjoni fastidjanti tiegħu fil-konfront tal-parte civile. Kwindi l-imputat ser jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

***Ikkunsidrat : -***

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, dan ukoll kien jeħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova l-*course of conduct* rikjest mill-Artikolu 251B tal-

Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ, minn imkien ma ġie ppruvat li l-Parte Civile beżgħet minn dak li seta' jagħmlilha l-imputat b'*course of conduct* li nissel fiha biża li ser tintuża vjolenza kontriha. Filwaqt li ġie pruvat li l-imputat kien hedded li kien ser jifqa' l-bieb il-ġewwa jekk ma tiftaħlux il-bieb ta' barra jew ma tirranġax miegħu, dan jirriżulta li seħħ biss fit-tieni inċident, u mhux ukoll matul l-ewwel inċident. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, għalkemm l-imġieba tal-imputat kienet qegħda tħossha fastidjanti, il-Parte Civile ma xehditx ukoll li kienet imbeżża' mill-imġieba tal-imputat b'mod li kienet beżgħana li l-imputat setgħa jagħmel ħsara lilha jew lil ħwejjiġha bil-*course of conduct* tiegħu. Almenu, din il-prova ma tresqitx quddiem din il-Qorti. Għaldaqstant in vista tal-fatt li fil-fehma tal-Qorti ma ġietx ippruvata l-biża rikjesta mill-liġi da parti tal-Parte Civile, l-imputat mhux ser jiġi misjub ħati tat-tieni imputazzjoni.

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat li wettaq ir-reat ta' fastidju bejn il-23:00 tal-4 ta' Ġunju 2014 u l-00:43 tal-5 ta' Ġunju 2014. Xlietu li wettaq ir-reat ta' biża li kienet ser tintuża vjolenza bejn il-23:00 tal-4 ta' Ġunju 2014 u l-00:30 tal-5 ta' Ġunju 2014. Issa din il-Qorti diġa esprimiet ruħha li tqis l-ewwel imputazzjoni bħala integrata u t-tieni imputazzjoni ma ġiex soddisfaċentement ippruvata. Iżda fiż-żewġt ċirkostanzi, din il-Qorti rat li mill-provi prodotti, l-episodju ta' fastidju seħħew żgur bejn 23:00 tal-4 ta' Ġunju 2014 u l-00:43 tal-5 ta' Ġunju 2014.

Meta l-Prosekuzzjoni ġiet biex tixli lill-imputat bir-reati taħt l-Artikoli 95, 96 214, 215 u 221, nonche 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali imsemmija fit-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u d-disa' imputazzjonijiet, hija semmiet li dawn ir-reati seħħew bejn 0000 u 0030 tal-5 ta' Ġunju 2014, ħlief għad-disa' imputazzjoni li ġiet imputata bejn il-23:00 tal-4 ta' Ġunju 2014 u l-00:30 tal-5 ta' Ġunju 2014. Issa jekk dil-Qorti għandha tistrieħ fuq il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni stess, jirriżulta mix-xiehda tal-Prosekuzzjoni, mhux possibbli li dawn ir-reati ġew imwetqa fil-ħin hemmhekk imsemmi. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni użat parametri ta' ħin fissi – ossija bejn ħin u ieħor, mingħajr ma kwalifikat il-ħin bħala li kien approssimattiv ossija "għall-ħabta ta'" jew lokuzzjoni simili. Dan ifisser li bil-mod kif ġew formulati l-imputazzjonijiet din il-Qorti riedet tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-allegati reati seħħew fil-parametri tal-ħinijiet imputati lill-imputat. F'dan il-każ hemm dubju raġonevoli kemm fil-fatt dak li seħħ ġara fil-parametri ta' dawn il-ħinijiet.

L-aktar xhud li daħal f'ċertu dettall dwar x'ħin ġraw dawn ir-reati huwa PS285 Jeffrey Cutajar li jgħid li r-rapport mingħand il-Parte Civile daħallu għal ħabta ta' xi nofs il-lejl neqsin għaxra. Dan id-dettall jabqel mar-*report time* li hemm indikat fl-NPS3/E/1958/2014 li jgħid li kien 23:51. F'dan ir-rapport pero hemm indikat li l-inċident kien beda minn xil-23:00 tal-4 ta' Gunju 2014. PS285 kien dak li kien ħa l-kwerela tal-Parte Civile u jagħti

d-dettalji ta' dak li kienet qaltlu. Minn naħa tiegħu huwa niżel fuq il-post.[11] Dan ifisser li sakemm huwa mar fuq il-post għaddew madwar tliet minuti. Sadattant huwa kellem lill-imputat u kkonvinċih li jmur miegħu l-Għassa tal-Pulizija, li allura ried jieħu madwar tliet minuti oħra. Waqt li kienu l-Għassa, kelmuh u PS285 jgħid li : kellimnieh bil-kalma kollha jiġifieri għmilnielu l-anka bela cafe ikkalma. Dan ifisser li sakemm kelmuh, għamlulu l-cafe, u kkalma għadda xi ftit tal-ħin ukoll. Fil-fatt dan is-Surġent jikkalkula li għaddew madwar nofs siegħa.

PC259 Edwin Curmi jixhed li Alexandra Chetcuti kienet marret l-Għassa għall-ħabta tal-2330 tal-4 ta' Ġunju 2014 u kkwerelat lill-imputat li kien qiegħed idejjaqha.[12] Hu u PS285 marru fuq il-post u qagħdu jkelmu lill-imputat : *u wara ħafna irnexxilena, wara qisu xi għaxar minuti nitkellmu miegħu rnexxielna nikkonvincuħ biex jiġi magħna l-għassa.* Għamlulu l-cafe u qagħdu jitkelmu miegħu u jispjegawlu l-affarijiet. Wara xi għaxar minuti kwarta ikkonvinċewħ u qalilhom li kien sejjer id-dar.

Jekk il-Qorti għalhekk tieħu din ix-xiehda bħala veritjiera, u l-Qorti ma għandhiex dubju li hi, dan ikun ifisser li sa dak il-ħin li l-imputat telaq mill-Għassa tal-Pulizija ta' Paola, kienu diġa qabżu n-nofs siegħa ta' filgħodu (0030) tal-5 ta' Ġunju 2014. Anzi dan PS285 kien preċiż immens fi kliemu u l-kalkoli tiegħu għax jgħid li madwar tlett kwarti wara dan il-

[11] Din il-Qorti, fuq kalkolu tagħha stess iddeterminat li bejn l-Għassa tal-Pulizija ta' Paola u l-indirizz tal-Parte Civile fi Triq Ninu Cremona hemm madwar tliet minuti bil-mixi b'pass mgħaġġel jekk wieħed ikun jaf sew id-direzzjonijiet, kif din il-Qorti tassumi li kien jaf PS285.
[12] Dan l-uniku kuntistabbli li jgħid li din marret l-Għassa u mhux li ċemplet.

ħin li kien ġabu l-Għassa (u għalhekk jiġi bejn wieħed u ieħor 0045 tal-5 ta' Ġunju 2014), reġgħet daħlitilhom telefonata oħra mingħand Alexandra Chetcuti li l-imputat kien reġgħa mar wara l-bieb tagħha isabbat mal-bieb.

Issa minn qari tal-istess NPS report jirriżulta li WPC138 A Muscat fl-00:43 tirraporta li Alexandra Chetcuti għamlet kuntatt telefoniku mal-Għassa ta' Paola li nformathom li Roderick Farrugia kien reġa' mar quddiem ir-residenza tagħha. Dan jaqbel mat-*timeframe* imsemmi minn PS285. Apparti minn hekk kemm Alexandra Chetcuti kif ukoll binha Miguel Chetcuti jaqblu li wara xi nofs siegħa li l-imputat kien mar l-Għassa huwa reġgħa ġie lura. U hemmhekk reġgħa beda jħabbat il-bieb.

Mill-banda l-oħra PC575 Mark Tonna jgħid li dakinhar tal-5 ta' Ġunju 2014 għall-ħabta tan-0030 kienu ġew infurmati mill-Control Room biex jassistu lil Pulizija tad-Distrett fi Triq Ninu Cremona, Paola. Huma ma kienux fuq il-post tal-inċident mall-ewwel u għalhekk riedu bil-fors ċertu ammont ta' żmien tekniku biex jaslu fuq il-post, għalkemm din il-Qorti ma għandhiex prova dwar kemm damu biex waslu fuq il-post.

Illi ma ġiex pruvat li l-ksur tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku seħħ fil-parametri ta' żmien imsemmija fis-sitt imputazzjoni u dan peress li **qabel ma seħħ it-tieni inċident** ma jirriżultax li l-imputat kien involut f'atti li permezz tagħhom membri tal-pubbliku, fosthom Alexandra Chetcuti jew

binha Miguel ħassewhom b'xi mod allarmati jew beżgħana għall-inkolumnita ta' xi persuna jew ta' proprjeta.

Biss minn dan il-kwadru probatorju, din il-Qorti ma tistax serenament tikkkonkludi li r-reati imsemmija fit-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u d-disa' imputazzjonijiet ġew kommessi fil-parametri ta' żmien imputati lill-imputat. Konsegwentement il-Qorti sejra ssib lill-imputat mhux ħati tagħhom stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati skont kif imputati lilu.

Apparti minn hekk l-anqas ma nġiebet prova li bejn il-23:00 tal-4 ta' Ġunju 2014 u 0030 tal-5 ta' Ġunju 2014 l-imputat kiser il-mistrieħ tan-nies. Ma ġiex soddisfaċentement ippruvat li l-frattarija li huwa għamel **wara** li kien mar l-Għassa seħħet fil-ħinijiet imputati fl-imputazzjonijiet. Għalhekk ser ikun ukoll misjub mhux ħati tal-istess kontravvenzjoni.

Illi s-sitwazzjoni fir-rigward tat-tminn imputazzjoni wkoll hija dubbjuża. Din il-Qorti ma għandhiex dubju li l-imputat ma obdiex l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PS285 u dan peress li huwa ħareġ mill-Għassa reġgħa mar lura minn fejn kien misjub jiġifieri r-residenza tal-Parte Civile. Il-kwistjoni tibqa' x'ħin kien li huwa għażel li ma jobdix din l-ordni. Id-diżubbidjenza tiegħu żgur li ġiet manifestata meta huwa ħareġ mill-Għassa u mar lura quddiem ir-residenza tal-Parte Civile. Il-*vexata questio* tibqa' x'ħin kien dan? Din il-Qorti mhix moralment konvinta li dan kien jaqa' fil-parametri temporali imputati lilu fil-komparixxi.

Illi finalment għal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni tal-vjolazzjoni tal-propjeta' privata skond l-artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali, jingħad illi mill-provi prodotti rriżulta li l-imputat ħabbat il-bieb tal-parte ċivile diversi drabi u hedded li ser jagħmel irrużjoni fid-dar tagħha jekk ma tiftaħlux il-bieb imma prova li hu filfatt ivvjola l-propjeta' tal-parte ċivile ma nġagħbitx mill-Prosekuzzjoni. Mill-provi rriżulta li r-residenza tal-Parte Civile tinstab fi triq prinċipali u pubblika u effettivament meta l-Pulizija marru jirrikorru lil Parte Civile huma sabu lill-imputat barra l-bieb tagħha. Il-fatt li ħabtilha l-bieb żgur ma tistax titqies bħala prova ta' irruzzjoni fil-propjeta' allavolja hu hedded li filfatt kellu dik l-intenzjoni fin-nuqqas ta' ko-operazzjoni da parti tal-Parte Civile. Kwindi fil-fehma ta' din il-Qorti l-Prosekuzzjoni ma rrnexxiliex tipprova din l-imputazzjoni u għaldaqstant l-imputat ser jiġi illiberat minnha.

***Ikkunsidrat : -***

Illi għal dak li jikkonċerna l-addebitu tar-reċidiva, il-Prosekuzzjoni eżebiet żewġ sentenzi li kienu ngħataw fil-konfront tal-imputat li huma rispettivament datati t-30 ta' Ottubru 2002 fejn l-imputat weħel multa talli kisser ir-regolamenti taħt il-Kapitolu 65 apparti kontravenzjonijiet taħt il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (l-artikolu 338(ee)),[13] kif ukoll sentenza datata s-26 ta' April 2007 fejn l-imputat weħel piena ta' sitt xhur

[13] Folio 55 tal-atti proċesswali.

priġunerija effettiva fejn kien instab ħati fost oħrajn tal-offiża taħt l-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali.[14]

Issa l-Prosekuzzjoni talbet li din il-Qorti tqis ir-reċidivita' tal-imputat fl-eventwalita' ta' sejbien ta' ħtija, kemm fir-rigward ta' l-Artikolu 49 u l-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali. Filwaqt illi m'hemmx dubbju li l-imputat għandu jitqies bħala reċidiv taħt l-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, madankollu minn qari tal-Artikolu 50 tal-istess,[15] jidher li din id-disposizzjoni ma tistax tiġi applikata għall-imputat f'dan il-każ u dan peress illi meta l-imputat ikkometta r-reati mertu ta' dan il-każ, kien ilu li għadda l-perijodu ta' ħames snin minn mindu hu skonta l-pieni imposti fuqu fis-sentenzi ppreżentati, partikolarment dik tas-sena 2007. Ergo filwaqt li l-imputat ser jitqies reċidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 iżda l-piena tiegħu mhux ser tiġi awmentata bi grad skond dak dispost fl-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali u dan għar-raġunijiet kif hawn fuq imsemmija.

***Ikkunsidrat:***

---

[14] Folio 88 tal-atti proċesswali.

[15] Meta persuna kkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tistaż teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-dellitt ieħor.

Illi għal dak li jirrigwarda l-piena idoneja, din il-Qorti qieset il-fedina penali tal-imputat li mhix waħda netta. Qieset ukoll id-dettami tas-sentenza ***Il-Pulizija vs Josef Abela*** fejn ġie mtenni illi :

> ...huwa dmir impellenti ta' kull Qorti ta' gurisdizzjoni penali li, qabel ma teroga xi piena jew tapplika xi provvediment alternattiv bhal sentenza sospiza, ordni ta' probation, liberazzjoni kondizzjonata, eccetera, tezamina sew il-fedina penali tal-hati biex tkun tista' tikkalibra l-piena skond ic-cirkostanzi w proprju tivverifika jekk xi provvediment li jkollha f'mohha li taghmel ikunx prekluz minn xi dispozizzjoni tal-ligi'.[16]

Finalment qieset ix-xewqa tal-parte ċivile li tirrinunzja għal kull ma huwa rinunzjabbli fejn xtaqet anki tirtira r-rapport li kienet għamlet kontra l-imputat.

# *Deċide*

Illi wara li rat l-artikoli 251A, 251B, 95, 96, 214, 215, 221(1), 222(1)(c), 338(dd), 338(m), 338(ee), 339(1)(d), 340(d), 17, 20, 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib lil Roderick Farrugia mhux ħati tat-tieni, tielet, raba', ħames, sitt, seba', tminn, disa', għaxar u ħdax il-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tilliberaħ minn kull ħtija u piena dwarhom.

[16] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) nhar is-17 ta' Settembru 2008 mill-Imħallef Joe Galea Debono.

Fil-kontemp, issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu. Wara li ħadet in konsiderazzjoni l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali kif kien fil-jum meta ġie kommess dan ir-reat, u fejn kellu għalhekk pieni inferjuri għal dawk attwali tikkundannah għal perjodu ta' tliet xhur priġunerija. Rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li din is-sentenza ma għandhiex tiġi fis-seħħ sakemm l-imputat ma jikkommettix reat ieħor li għalieh hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien sena mid-data ta' din is-sentenza u dan fit-termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali. Ai termini tal-Artikoli 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tiddikjara li wissiet lill-ħati bi kliem sempliċi u li jinftiehem ir-responsabbilta tiegħu u l-konsegwenzi li jitnisslu jekk jikkommetti reat ieħor fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza fis-sens li din is-sentenza tkun tista' tiġi fis-seħħ.

Inoltre sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Alexandra Chetcuti u ta' binha Miguel Chetcuti u l-familja tagħhom, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali qegħda toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra tal-ħati u a favur ta' Alexandra Chetcuti u ta' binha Miguel Chetcuti u l-familja tagħhom u li permezz tagħha

a) Tipprojbixxi lil ħati milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Alexandra Chetcuti u ta' binha Miguel Chetcuti u l-familja tagħhom;

b) Tipprojbixxi l-aċċess lill-ħati ġewwa l-fond fejn jirrisjedu jew ambjenti li jiffrekwentaw jew jaħdmu Alexandra Chetcuti u ta' binha Miguel Chetcuti u l-familja tagħhom;

c) Tipprojbixxi lil ħati milli jikkuntattja jew jimmolesta lil Alexandra Chetcuti u ta' binha Miguel Chetcuti u l-familja tagħhom.

d) Din l-Ordni ta' Protezzjoni tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' tliet snin mid-data ta' din is-sentenza;

e) Jekk mingħajr raġuni valida l-imputat jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu jista' jekk jinstab ħati jeħel multa ta' sebat elef euro (€7000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew it-tnejn flimkien.

***Mogħtija illum is-16 t'April, 2019 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***